B 2785

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,169, 22 ta' Diċembru, 2023
Taqsima B

A.L. 301 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2023)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2023) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2023), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.197.

Temenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 1 tar-regoli prinċipali, il-kliem "(2020-2023)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(2020-2024)".

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-tifsira "sena rilevanti" tagħha għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sena rilevanti" tfisser is-sena kalendarja 2020, 2021, 2022, 2023 jew 2024;"; u

(b) fit-tifsira "servizzi kwalifikanti" tagħha, il-kliem "b'tariffa ta' mhux aktar minn tnax (€12)-il euro għal kull tunnellata." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'tariffa ta' mhux aktar minn tnax (€12)-il euro, netta mit-taxxa fuq il-valur miżjud, għal kull tunnellata.".